ANNIVERSARJI

# Il-Filosfu u l-Mistiku!

minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.

Nhar is-26 ta' Lulju 1942, ħamsa u sebgħin sena ilu, fuq mitraħ fl-infermerija infami tal-Kamp ta' Konċentrament f'Dachau, infermiera żagħżugħa injettat lil raġel ta' 61 sena b'sustanza kimika li temmitlu ħajtu fi ftit minuti. Hekk amar it-tabib: Titus Brandsma, ir-raġel qsajjar imma b'moħħ wiesgħa u b'enerġija tħeġġeġ li kien meqjus min-Nażiżmu bħala bniedem perikoluż! Dan il-Karmelitan Olandiż, ġentlom u ċajtier, Professur tal-Filosofija u l-Mistika, ġurnalist li tqabad għal-libertà tal-istampa u persuna li kkundanna l-ideoloġija Nażista sa mill-bidu tagħha.

Aspett sabiħ mill-ħajja u l-personalità tiegħu, li ġeneralment jgħaddi inosservat, huwa l-istudju u l-kontribut tiegħu filosofiku u mistiku. Dan l-aspett ispira t-twaqqif, fl-1968, tat-Titus Brandsma Instituut f'Nijmegen għall-istudju tat-Teoloġija Spiritwali. Dan sar b'kollaborazzjoni bejn il-Karmelitani u l-Università Radboud. X'kien il-kontribut tiegħu bħala ħassieb u akkademiku? Fl-1932, f'taħdita pubblika fl-Università, fil-jum tal-Investitura tiegħu bħala Rettur Magnifiku, huwa jagħti leħen għall-mistoqsija, li kif jistqarr tkiddu: "Fost il-ħafna mistoqsijiet li nistaqsi lili nnifsi, m'hemmx waħda li tkiddni daqs din: Kif ħafna persuni tal-iskola, minfuħin u rashom mimlija bil-progress, iduru minn Alla! Huwa fatt allarmanti li fi żmien b'daqstant progress kbir f'kull qasam, aħna nsibu lilna nfusna ffaċċjati b'din il-moda li dejjem tiżdied u tinfirex bħal marda li tittieħed, li tfittex li tiċħad l-unur u l-għarfien mistħoqq ta' Alla!"



Din kienet il-preokkupazzjoni tiegħu. Iżda ta' filosfu istruwit li kien, huwa ma fittixx li jwieġeb għal din il-mistoqsija u jirribatti din il-"moda" billi jipprova jikkonvinċi lil ta' madwaru dwar Alla, għax kif jgħid hu fid-diskors tiegħu: "Aħna qed ngħixu fi żmien ta' taħwid kbir fejn jidħol il-ħsieb. U l-iktar sistemi kontradittorji qegħdin jiġu mogħtija ġieħ minn għorrief magħrufa daqslikieku dawn is-sistemi kienu l-Verità!" Fit-taħdita, iżda, huwa jappella għall-esperjenza tal-bniedem ta' żmienu u flok jopponiha jew jipprova jdawwarha, jipproponi li "nagħtu kasha, u ngħarrfuha bil-kunċett ta' Alla f'forom ġodda, adatti għall-kultura tal-lum b'mod li niftħu beraħ l-għana ta' dan il-kunċett sabiħ li għandu l-qawwa jiġbed lejh lil żminijietna". Huwa jesplora kif il-bniedem ħares lejn Alla matul iż-żminijiet, epoka epoka, u jgħaddi biex janalizza l-epoka ta' żmienu u jipproponi teorija ta' x'idea l-bniedem ta' żmienu għandu ta' Alla.



Dan il-metodu tiegħu jirrifletti fl-interess li kellu lejn il-mistika. Huwa kien konvint li kull bniedem huwa msejjaħ biex ikun mistiku, għax il-mistika hija l-ħajja ta' għaqda ma' Alla, u din, il-bnedmin kollha huma msejħin għaliha għax kulħadd maħluq fuq is-sura u x-xbieha tiegħu. Fl-istudju tiegħu fuq Ruusbroech u Tereża ta' Ġesù, Titu jinsisti fuq din il-verità billi juri li l-bniedem b'mod naturali huwa miġbud lejn Alla, għax Alla nnifsu tah din il-kapaċità.

Għal Brandsma, il-mistiku mhuwiex xi ħadd maqtugħ mill-art! Anzi! Huwa l-mistiku tassew li huwa saqajh mal-art għax magħqud ma' Alla, jingħata biex inissel is-Saltna ta' Alla fi qlub il-bnedmin u fl-istrutturi tad-dinja, inklużi dawk politiċi u soċjali. Qaddisa u mistika li kienet għal qalbu, hija proprju Tereża ta' Ġesù għax kienet xempju ta' din il-mistika li timbuttak biex tmidd idejk u xxammar il-kmiem ħa tikkontribwixxi għat-titjib tal-Knisja u d-dinja, jonkella fi kliemu "biex tikseb id-dinja għal Kristu" kif jgħid huwa u jikkummenta mistiku ieħor Gerard Groote. Waħda mill-kontributi tiegħu fil-Knisja kienet proprju s-sehem li ta biex iġib 'il quddiem l-għaqda bejn il-Knejjes u d-djalogu interreliġjuż, għax kull reliġjon hija turija tal-kapaċità tal-bniedem li jintrefa' lejn Alla. Għalkemm miftuħ għad-djalogu u għall-paċi u l-għaqda, is-sens qawwi ta' dak li hu Veru u Sewwa, kontra dak li hu falz u mhux sewwa, kien jimbuttah biex ifittex dejjem il-Verità, li qatt ma ssagrifikaha, lanqas minħabba ħbiberiji u rispett uman jew sens diplomatiku. F'kelma waħda minħabba dak li llum insejħulu l-politically correct.

Kien ukoll mistiku Marjan. Fil-konferenzi li ta lin-novizzi f'Niagara Falls, huwa u jesplora t-Tradizzjoni Mistika Karmelitana fl-iżvilupp storiku tagħha huwa bla tlaqliq iqiegħed quddiemna l-ideal li nsiru "Omm Alla" oħra, jiġifieri nilqgħu l-Kelma ta' Alla, inħalluha titlaħħam fina u ngħadduha lid-dinja.

Il-kelma "Karmelu" tfisser ġnien. Għalhekk, fi tmiem il-konferenza, Brandsma, b'mod ħaj u sempliċi jgħid: "Id-devozzjoni lejn il-Madonna hija waħda mill-isbaħ ward ta' ġnien il-Karmelu. Nagħżel li nsejħilha ġirasol, għaliex tisboq lill-oħrajn kollha fl-għoli tagħha. Imwieżna minn zokk twil mimli weraq aħdar, hija saħansitra togħla 'l fuq mill-istess weraq. Hija karatteristika ta' din il-warda li ddur dejjem lejn ix-xemx u li wkoll tixbaħha fid-dehra tagħha. Hija warda ordinarja, tista' tikber f'kull ġnien u ssebbħu. Twila u b'saħħitha, hija xxenxel għeruqha fil-fond bħal siġra. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għad-devozzjoni lejn il-Madonna, m'hemm ebda devozzjoni oħra isbaħ minnha. Fl-għadd tal-petali torja, u l-weraq ħadrani tagħha, nistgħu naraw il-kotra kbira ta' grazzji li bihom hija mogħnija din id-devozzjoni. Il-warda nnifisha tirrappreżenta ruħ il-bniedem maħluqa fuq ix-xbieha ta' Alla biex tassorbixxi fiha d-dawl xemxi tal-ħniena ta' Alla. Mela huma bħal żewġt ixmux li d-dawl ta' waħda jiddi f'tal-oħra, waħda tixħet raġġi ta' dawl bla qies u l-oħra tassorbixxi dak id-dawl, tixgħel bih u tibda tilma bħal xemx oħra. Hekk tissaħħar mir-raġġi tax-xemx li jiddu fuqha, ix-xemx divina, li ma tkunx tiflaħ titwarrab minnha, imma trid tgħix biss għaliha u biha. Hekk kienet Marija bħal din il-warda. Bħalha aħna wkoll, għax ward miż-żerriegħa tagħha, ngħollu l-blanzuni tagħna lejn ix-xemx, dak Alla li niżel f'Marija, u hu jitfa' fuqna wkoll ir-raġġi tad-dawl u s-sħana tiegħu."

Dawn il-punti ħfief fuq il-ħajja u l-ħsieb tal-Beatu Titu Brandsma aktarx jgħinuna nsibu fih mudell li jispirana f'din id-dinja kumplessa li qed ngħixu fiha u li kważi kważi tippreżentalna l-istess sfidi llum.